MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 107/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat fit-tletin (30) ta’ Gunju 1974 (Certifikat taz-zwieg anness Dokument ‘A’) ;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia fid-19 ta’ Dicembru 1985 (kopja annessa Dokument ‘B’) ;

Illi l-partijiet kellhom tifla wahda li jisimha D u li illum hija maggorenni ;

Illi ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Frar, 2012;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta, izda xehed bil-gurament tieghu;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mid-19 ta' Dicembru 1985;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda li illum hija maggorenni;

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimat ma kienx obbligat aktar li jhallas manteniment lir-rikorrenti wara illi binthom issir maggorenni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara iz-zwieg bejn il-kontendenti bhala mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------